MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 807/2003/2

**Tania Vassallo u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2007, il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Thomas Vassallo u ta' Joseph Vassallo wara l-mewt ta' Tania Vassallo**

**v.**

**Anna Rita sive Anita u Joseph konjugi Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tas-6 ta' Awwissu 2003 ipprezentat mill-attrici Tania Vassallo li taqra hekk:

“Premess illi fil-15 ta’ Frar 2002 waqt li l-attrici kienet qed tipprocedi bil-mixi fi Triq Tabib Zammit kantuniera ma’ Triq il-Papa Piju XII, Hal Balzan hi sfat mtajra mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAN 528 misjuqa mill-konvenuta u sfat mwegga u permanentament parzjalment dizabilitata`; u

“Premess illi b’segwitu` tal-incident imsemmi, l-attrici soffriet ukoll danni konsistenti f’telf ta’ xoghol u ghamlet diversi spejjez ta’ natura medika; u

“Premess illi ghall-incident in kwistjoni tahti l-konvenuta minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; u

“Premess illi l-konvenuta ga` giet misjuba hatja fi proceduri kriminali kontriha; u

“Premess illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attrici, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

“Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-15 ta’ Frar 2002 gewwa Hal Balzan, f’liema incident l-attrici sofriet danni fuq il-persuna taghha.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici b’konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri interpellatorji datati 1 ta’ Mejju 2002 u 25 ta’ Gunju 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-3 ta' Dicembru 2003 mill-konvenuti li in forza taghha eccepew:

“1. L-ewwel talba tal-attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax b'tort tal-eccipjenti Anna Rita sive Anita Camilleri izda gara unikament bi htija tal-attrici stess.

“2. It-tielet talba tal-attrici ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur taghha.

“3. Isegwi li anke t-tielet talba tal-attrici ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjenti m'ghandhomx ikunu kundannati ihallsu danni lill-attrici.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-1 ta' Marzu 2005 li permezz taghha l-Qorti filwaqt li cahdet parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut laqghet it-talbiet attrici fis-sens li ddikjarat lill-konvenuti responsabbli kwantu ghal tmenin fil-mija ghal incident inkwistjoni;

Rat illi permezz tas-sentenza taghha tal-1 ta' Frar 2008 din il-Qorti kkonfermat din is-sentenza u regghet baghtet l-atti tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tiddeciedi fuq it-talbiet l-ohra attrici;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti moghtija fil-21 ta' Jannar 2010 li permezz taghha hija ordnat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, tliet mija u hmistax-il Euro u disghin centezmi (€2,315.90) lill-attrici bhala danni likwidati minnha, bl-interessi dekorribbli mid-data li fiha saret talba ghal hlas tramite att gudizzjarju;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“Din is-sentenza tallum hija dwar id-danni.

“Il-qorti tibda biex tgħid illi l-argument mhux motivat tal-konvenuti illi ma jingħatax kumpens għal *lucrum cessans*

għar-raġuni illi l-vittma mietet qabel ma saret il-likwidazzjoni huwa nieqes minn kull loġika u minn kull ġustifikazzjoni legali. Irriżulta oġġettivament illi l-vittma ġarrbet debilità li naqqsitilha s-setgħa tagħha li taħdem bi qligħ. Ta' dan taħti fil-biċċa l-kbira l-konvenuta u għalhekk il-konvenuta għandha tagħmel tajjeb għat-telf imġarrab bi ħtija tagħha.

"Għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni l-qorti għandha tqis il-grad ta' debilità tal-vittma, il-qligħ medju tagħha u l-età tagħha.

"L-espert mediku mressaq *ex parte* mill-attriċi sab illi l-attriċi ġarrbet debilità għal għomorha ta' sitta fil-mija (6%). Dan ma ġiex kontestat.

"Il-vittma kellha tlieta u tletin (33) sena meta korriet. F'każijiet normali mill-età tal-vittma naslu għan-numru ta' snin ta' attività ekonomika – dak li jissejjaħ *multiplier* – li jkun fadlilha bejn dakinhar tal-inċident sa meta tiġi biex terfa' mix-xogħol. Fil-ġurisprudenza daħlet il-prattika – żbaljata u artifiċjali fil-fehma ta' din il-qorti kif presjeduta – illi l-*multiplier* ma jkunx id-differenza aritmetika bejn l-età dakinhar tal-inċident u l-età tal-pensjoni, iżda numru anqas ta' snin minħabba l-inċertezza tal-ħajja, dak li jissejjaħ *chances and changes of life*. Din il-prattika fil-fehma tal-qorti hija artifiċjali għax il-biċċa l-kbira tan-nies jirtiraw fl-età tal-pensjoni u mhux qabel; huma l-eċċezzjoni dawk li jirtiraw qabel, iżda l-eċċezzjoni għamilnieha regola, li hija biss inġustizzja mal-vittmi tal-inċidenti u *bonus* għal min hu marbut jagħmel tajjeb għad-danni. Sfortunatament, iżda, il-każ tallum huwa wieħed minn dawk l-eċċezzjonijiet għax il-vittma mietet ta' età relativament żgħira.

"Fil-każijiet fejn, għalkemm ikun sar it-tnaqqis fil-*multiplier*, il-vittma tilħaq l-età tal-pensjoni, il-likwidazzjoni tad-danni ma terġax tinfetaħ biex il-vittma titħallas tas-snin li tnaqqsulha fl-ewwel likwidazzjoni; b'analoġija, meta l-vittma tmut wara numru ta' snin li jkun anqas mill-*multiplier*, id-danneġġjant ma għandux jingħata l-benefiċċju tal-mewt qabel il-waqt. Fil-każ tallum, iżda, kemm għax il-vittma mietet qabel ma saret il-likwidazzjoni

tad-danni u kif ukoll, u aktar, għax l-atturi stess jaqblu illi l-*multiplier* għandu jkun in-numru ta' snin bejn l-inċident – li seħħ fil-15 ta' Frar 2002 – u l-mewt – li ġrat fit-18 ta' Settembru 2005 –, il-qorti sejra timxi fuq *multiplier* ta' tliet snin u nofs.

"Fl-aħħar sena sħiħa minnufih qabel l-inċident – l-2001 – l-attriċi kellha dħul ta' erbat elef, seba' mija u tmintax-il lira (Lm4,718), daqs għaxart elef, disa' mija u disgħin euro (€10,990). Bejn l-2001 u l-2005 l-indiċi tal-għoli tal-ħajja pubblikat taħt il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta tela' minn 624.85 għal 684.88, jew 9.6%. Il-medja tul dawk is-snin tiġi n-nofs, jew 4.8%, u huwa għalhekk xieraq li għall-għanijiet tal-likwidazzjoni d-dħul tal-2001 jiżdied b'4.8% biex jirrefletti l-medja, u jiġi ħdax-il elf, ħames mija u tmintax-il euro (€11,518).

"It-telf ta' qligħ jinħadem hekk:

€11,518 × 6% × 3½ = €2,418.78

elfejn, erba' mija u tmintax-il euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu.

"L-atturi jippretendu wkoll *damnum emergens* ta' mitejn u erba' liri u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm204.39), daqs erba' mija u sitta u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€476.10). Dan ma ġiex kontestat.
"Id-danni b'kollox – *damnum emergens* u *lucrum cessans* – jiġu elfejn, tmien mija u erbgħa u disgħin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€2,894.88). Billi l-konvenuta taħti għal tmenin fil mija (80%), il-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għal elfejn, tliet mija u ħmistax-il euro u disgħin ċenteżmu (€2,315.90). Billi l-ħlas sejjer isir b'lura u mhux bil-quddiem ma għandu jsir ebda tnaqqis."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Anna Rita sive Anita u Joseph konjugi Camilleri li permezz tieghu talbu li din il-Qorti joghgobha:

"7. **Illi l-aggravji mertu tal-odjern appell jirrigwarda limitatament u esklussivament dik il-parti tas-**

**sentenza fejn il-Qorti ta' prim'istanza akkordat l-imghax fug l-ammont li kienet ghadha kemm tillikkwida u tistabbilixxi**. Dwar l-aspetti l-ohra tal-kwantifikazzjoni tad-danni, il-konvenuti jaqblu mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u jaccettaw is-somma likwidata mill-istess Qorti fl-ammont ta' €2,315.90. Ghaldaqstant, minn dan il-fatt mhux qieghed isir ebda appell;

“8. Illi jigi sottomess, u dan dejjem bid-dovut rispett *versu* l-ewwel Onorabbli Qorti, illi ghab-bazi ta' dawk il-principji guridiko-legali, li llum huma stabbiliti fil-gurisprudenza lokali u li jiffurmaw il-pedamenti ta' azzjoni ghar-rizarciment ta' danni, il-Qorti tal-ewwel grad kellha tippronunzja ruha diversament ghar-rigward tal-kundanna ghall-pagament tal-imghax. Fi kliem aktar specifiku, filwaqt li tillikwida dak l-ammont li fil-fehma tal-Qorti kien spettanti lid-danneggjata, l-Istess Qorti ma kellhiex tippregudika lid-danneggjant billl tobbligah thallas l-interessi fuq tali cifra minn zmien precedenti ghal tali pronunzjament ta’ likwidazzjoni;

“9. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti affermat hekk: *"Billi l-konvenuti zammew f'idejhom* u *gawdew huma flus li kellhom igawduhom l-atturi,* u *wkoll ghax* lite contestata usurae currunt, *huwa xieraq illi l-imghaxijiet jibdew ighaddu minn dakinhar li saret talba qhall-hlas b'att gudizzjarju."* Ma’ tali decizjoni, l-konvenuti, hawn appellanti, assolutament ma jaqblux stante li huwa aspett radikat fil-logika tal-pronunzjamenti tal-Qrati taghna li fuq ammont li ghad irid jigi kwantifikat f'somma certa u determinata, ma jiddekorri ebda imghax. Jissorregi dan l-aggravju, hemm is-segwenti motivazzjonijiet;

“10. Illi jibda' biex jinghad li hekk kif jirrizulta mic-Citazzjoni, l-attrici kienet talbet, *inter alia,* l-kundanna tal-konvenuti f'ammont *da liquidarsi* u "bl-imghax legali", minghajr ebda riferenza ghaz-zmien minn meta tali imghax kellhom jibdew jaghddu. Dan, allura, jfisser li l-attrici danneggjata ma kienetx qed tinsisti u/jew

tezigi li tircievi imghax fuq dik is-somma li kienet qed talvolta titlob minn data li tipprecedi l-likwidazzjoni;

“11. Dan il-fatt, allura, kellu jwassal lill-Qorti ta' prim'istanza biex tiddecciedi li l-imghaxijiet fuq l-ammont eventwalment likwidat kellhom jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni, <u>u dan peress illi huwa f’dak il-mument preciz illi il-konvenuti - li jsiru debituri f'ammont cert, likwidu u dovut - jiskopru c-cifra preciza u l-obbligu taghhom li jhallsu tali cifra</u>. Dan l-argument huwa konfortat minn diversi pronunzjamenti tal-Qrati nostrani, fosthom fis-sentenza ta' din l-Onorabbll Qorti fl-ismijiet **<u>AnthonyTurner et vs. Francis Agius et</u>** tat-28 ta' Novembru 2003, fejn stqarret: *“Dwar id-dekorrenza ta' imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet "da liquidare"* ***<u>ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni proprju minhabba l-principju in liquidandis non fit mora</u>****. Il-Qorti ziedet izda l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data ta' l-ewwel sentenza peress illi f'dak il-mument il-konvenut kellu idea tac-citri involuti izda kien naqas milli jiddepozita ebda parti mill-ammont ta' danni fil-Qorti sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`.”;*

“12. In aggjunta, fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **<u>Francis Xavier Aquilina vs. Andrew Mamo noe</u>** [App. nru. 1599/1992], ukoll ta' din il-Oorti, intqal: ***“<u>Huwa principju generali li l-imghaxiiiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha.</u>*** *Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li* ***<u>qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora - in liquidandis non fit mora</u>****. Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijiet avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti.”;*

"13. Fis-sentenza fuq riferita, wiehed jista' jinnota rakkolta pjuttost ampja dwar it-tematika *de quo.* F'din id-decizjoni nsibu referenza ghal sentenzi bhal **Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri**,deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 1877, fejn il-Qorti kienet iddecidiet li, *"... il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione ...";* bhal ta' **Negoziante Vincenzo Strati vs. Tito Boselli noe**, tat-18 ta' Ottubru 1909, fejn il-Qorti tal-Kummerc rriteniet illi, *"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione";* bhal dik fl-ismijiet **Filippo Farrugia Gay vs, Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe**, tat-12 ta' Mejju 1916, fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi, *"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione";* bhal ta' **Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe**, ta' l-24 ta' Ottubru 1941, fejn il-Qorti ta' l-Appell, ghal darb'ohra, qatghet li, *"... meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni";* bhal dik fl-ismijiet **Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe**, tas-26 ta' April 1950, fejn naraw li l-Qorti Civili Prim'Awla sahqet illi, *"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha"* stante li, kif spjegat dik il-Qorti stess, *"... dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora.";* bhal ta' **Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** tas-16 ta' Dicembru 1991, fejn kien hemm enfazi fit-tul dwar l-espressjoni "likwidazzjoni". L-istess insenjamenti gew addottati ukoll fis-sentenza recenti tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Joseph Vella** tad-29 ta' Jannar, 2010 [App. nru. 289/1990];

"14. Ghalqastant, fl-umli fehma ta' l-appellanti, ghandu jkun hemm certu *"legal certainty"* ta' kif il-Qorti ser

taffronta l-problematika tal-likwidazzjoni tad-danni subiti u ghandhom jezistu wkoll certu salvagwardji li jiggarantixxu l-manjiera ta' kif il-Qorti effettivament tapplika d-diskrezzjoni taghha ghal tali problematika *["legitimate expectation"].* L-aspett formali tad-duttrina ta' *"legal certainty"* jirreferi ghar-rekwizit fejn hemm l-eleminazzjoni ta' incertezzi legali f'dawk il-kazijiet fejn jittiehdu decizjonijiet li l-ghan taghhom hu li jorbtu u jobbligaw il-persuna u jiddefenixxu d-drittijiet u l-obbligi taghha. Minn dan kollu, allura, jemana principju iehor, dak tal-prevediblIita. Min-naha l-ohra, d-duttrina ta' *"legitimate expectation"* timplika illi meta persuna titwassal biex temmen illi fir-rigward taghha ser tigi applikata xi tip ta' decizjoni li konsegwentement ser ikollha certu effett fuqha [f’dan il-kaz, l-pagament *per via* rizarcitorja], dik il-persuna kkoncernata ghandha d-dritt tippretendi u tistenna li din l-applikazzjoni ser tigi mwettqa *in bona fidi* u *entro* dawk il-parametri li *piu` o meno* huma pre-stabbiliti [sija fil-ligi jew, fin-nuqqas, fil-gurisprudenza konsolidata];

“15. Minn dan ghalhekk jirrizulta illi meta l-ewwel Onorabbli Qorti ordnat l-interessi li jigu pagati bil-manjiera minnha ordnat, il-konvenuti gew severament pregudikati - kemm ghax il-perkors tal-procediment odjern evolva fiz-zmien naturali tieghu b'ebda tort jew htija ta' l-appellanti u kemm ghax il-Qorti li kkundannathom jaghmlu tali hlas, marret kontra kurrent ta' gurisprudenza li kkonsolidat principju u, *ergo,* innewtralizzat dik il-pevedibilita, dik il-*"legitimate expectation"* u dik *il-"legal certainty"* hawn fuq imfissra u minnhom mistennija fil-kundanna permezz tas-sentenza appellata;

“16. Illi, fl-ahhar jinqhad li jkun xenarju *assai* infelici u alkwantu perikoluz li konvenut f'kawza - li jigi azzjonat ghar-rizarciment ta' somma indeterminata, u allura mhux likwida u certa, fejn fl-ahhar tal-procediment [li jaf jiehu z-zmien tieghu] meta tali somma tigi eventwalment stabbilita - jigi ordnat u kkundannat ihallas interessi ghal dak iz-zmien fejn fih s-somma stabbilita kienet ghalih injota. Ghaldaqstant, ir-regola ghandha tkun illi meta konvenut jigi pronunzjat debitur f'somma determinata u specifika, u jigi mpoggi *in mora* u, allura, l-obbligu tieghu tal-hlas tas-

somma principali u ta' kull haga accessorja maghha [bhal ma huma l-interessi] jiskattaw minn tali pronunzjament, izda mhux qabel;

“17. Ghaldaqstant, ghall-motivi fuq espressi, il-konvenuti appellanti, filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-atti kollha processwali u filwaqt li jirrizervaw id-dritt li jadducu provi u xhieda ulterjuri skond il-Ligi permessi f'dan l-istadju, umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha, filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fejn l-istess Qorti likwidat l-ammont ta' €2,315.90 a favur ta' l-attrici u kkundannat lill-konvenuti ghar-rizarciment ta' tali somma, joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata <u>limitatament</u> ghal dik il-parti li tirrigwarda l-kundanna ghall-pagament ta' l-imghaxijiet minn dakinhar li saret talba ghall-hlas b'att gudizzjarju u minflok, jogghobha tordna li l-imghaxijiet fuq is-somma likwidata ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' tali sentenza, cioe mil-21 ta' Jannar 2010 sad-data li fiha l-appellati jircievu s-somma ta' €2,315.90 jew li jsir is-depositu appozitu taht l-awtorita' tal-Qorti ta' l-istess somma, skond il-kaz, bl-ispejjez gudizzjarji a karigu ta' l-appellati.

“Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti appellanti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni.”

Rat ir-risposta tal-atturi Thomas Vassallo u Joseph Vassallo li tghid hekk:

“Illi s-sentenza appellata hija gusta, u timmerita l-konferma, filwaqt li l-appell interpost mill-konvenuti appellanti ghandu jigi rigettat bl-ispejjez;

“Illi in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li l-appell intavolat mill-konvenuti appellanti huwa limitat ghall-kundanna ghall-hlas tal-imghax kif akkordata mill-ewwel Onorabbli Qorti. Dan igib bhala konsegwenza illi l-likwidazzjoni tad-danni dovuti mill-appellanti lill-esponenti appellati kif pronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel

istanza mhux qed tigi kontestata, u ghalhekk illum tikkostitwixxi gudikat fil-konfront tal-partijiet;

"Illi fl-ewwel lok, l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza qieset illi l-imghax fuq is-somma minnha likwidata kellu jibda jiddekorri mill-jum li fih saret talba ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju minhabba l-fatt illi l-konvenuti appellanti zammew f'idejhom u gawdew flus li kellhom jigu uzufruwiti mill-atturi appellati, jew mill-awtrici taghhom. **<u>Ghalhekk, l-imposizzjoni tal-imghax f'din il-manjiera saret hekk in linea ta' riparazzjoni ulterjuri favur l-appellati esponenti</u>**. Kif jinsab mghallem mill-kittieb awtorevoli **Giorgi**, *"Non sono dunque applicabili a questa specie di risarcimento le regole limitative intorno alla decorrenza degli interessi, stabilite nel citato articolo 1231* (korrispondenti ghall-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili), *e quindi il giudice nel pronunziare la condanna al pagamento di quella somma che rappresenta il compenso del danno, e' libero di stabilire la decorrenza dell'interesse legale dal giorno che crede, e seconde che richiede giustizia. Potra` stabilirla dal giorno stesso della condanna portante la liquidazione, quante volte nella somma liquidata si compredna interamente anche il compenso del ritardo. Potra` invece far decorrere l-interesse dal giorno della domanda, se sia giusto e necessario per la piena riparazione. Ma nessun divieto trovera' per far decorrere l'interesse anche dal giorno del fatto illecito anteriore, quando riconosca che a danno dell'offeso concorrono sino da codesto giorno privazioni di utili, le quali non restino compensate dalle somme liquidate. A cio' lo autorizzerebbero anche i principii sulla mora, perche` ricordiamolo bene, nei malefizii la mora si verifica fino dal momento, che il fatto illecito fu consumato"* [Teoria delle Obbligazioni, Vol V, para. 233];

"Illi l-**Laurent** huwa konformi ma' dan, meta jikkumenta kif, *"Abbiamo detto inannzi che l'Articolo 1153* (korrispondenti ghall-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili) *per quanto stabilisce la quantita` dei danni interessi non e` applicabile ai danni ed interessi derivanti dai delitti e dai quasi-delitti. Avviene lo stesso della regola la quale vuole una domanda giudiziale per dar decorrere gl'interesso. Ogni delitto*

*sottomette colui che ne e` colpevole alla rivalsa del danno che egli ha cagionato col suo fatto illecito. In questo caso non si tratta del pregiudizio che deriva dal ritardo nel pagamento, ma la parte lesa ha diritto ad un risarcimento completo del danno sofferto. Spetta al magistrato lo stabilire i danni-interessi che gli debbono essere accordati, e vi puo` comprendere gl'interessi sull'indennita` senza che siano stati domandati; perche` questi interessi, dice la corte di cassazione, formano parte della rivalsa. Questi non sono interessi moratorii, ma danni ed interessi che compensano il danno cagionato, e che per questa ragione si dicono compensativi; essi non ricadono sotto l'applicazione dell'articolo 1153, ma restano nella regola generale la quale permette al magistrato di valutare incensurabilmente la quantita` del danno e il modo del risarcimento"* [Principii, Vol.XVI, Para327]. Ikompli l-gharef awtur, *"Il giudice puo` stabilire l-ammontare del danno, sia in una somma unica stabilita nel giorno della sentenza, sia in una capitale minore accresciuto dagl'interessi decorsi dal giorno del danno, in modo di rappresentare esattamente, nell'un caso e nell'altro, l'ammontare del danno sofferto. Si obiettavono i principii regolatori della messa in mora; ma la corte li scarto' come applicabili alle obbligazioni contrattuali* [Rigetto, 18 dicembre 1866, e 21 gennaio 1867 (Dalloz, 1867, 1, 427 e 428). Rigetto, 4 febbraio 1868 (Dalloz, 1868,1,383)]. *Allorche` si tratta del risarcimento del prediudizio cagionato da un fatto dannoso, gl'interessi possono essere accordati in cui il danno fu indotto; questo e` perfettamente logico, perche` la rialsa e` dovuta da questo momento; ora gl'interessi sono parte integrante del risarcimento"* [ibid, para.328];

"Illi l-esponenti jaghmlu referenza wkoll ghall-kitbiet tal-**Baudry Lacantinerie**, fejn dan jghid, *"Gli art. 1146 e 1153, i quali, relativamente ai danni e interessi dovuti per l'inesecuzione d'un'obbligazione derivante da contratto, esigtno la costituzione in mora, sono evidentemente inapplicabili al caso in esame. Chi si rende colpevole di un delitto o di un quasi-delitto si trova messo in mora* ipso jure" [Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol. IV, Para. 2878]. In sostenn ta' dan il-

kumment, dan il-kittieb jaghmel referenza ghal diversi awturi ohrajn, kif ukoll ghal decizjonijiet tal-Qorti ta' Kassazzjoni;

"Illi ghalhekk il-kundanna ghall-hlas tal-imghax saret kif saret mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza bhala risarciment ulterjuri, in linea mal-principji legali hawn fuq esposti;

"Illi fit-tieni lok, u minghajr hsara ghall-premess, l-aggravju devolut lil dina l-Onorabbli Qorti huwa nsostenibbli billi l-esposizzjoni ta' dritt in subjecta materia maghmula mill-appellanti hija wahda inkompleta, u dan kif ser jigi spjegat ahjar permezz tal-paragrafi precedenti;

"Illi l-principju li jikkostitwixxi l-qafas tal-vertenza devoluta lil dina l-Onorabbli Qorti permezz tal-appell odjern huwa dak *in liquidandis non fit mora*. Dan il-principju isib ir-radici tieghu fid-dritt ruman, u b'mod partikolari fl-insenjament tal-gurekonsulti **Sabelli** [vide Summa Mora, n.4] u **Leotardi** [vide De Usuris, quaest. 84, n.1 u 6], kif rintraccjat mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Victor Savona pro et noe v. Dr. Peter Asphar et**, tat-23.06.1952;

"Illi in succint, il-gustifikazzjoni ta' dan il-principju huwa li debitur ghandu jitqies moruz biss meta c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru illi dan, ghalkemm kien fil-qaghda biex iwettaq il-prestazzjoni inkombenti fuqu, naqas milli jaghmel hekk, u ghalhekk jigi *in mora* fil-konfront tal-kreditur tieghu, u konsegwentement, ikun passibbli ghall-imghax dekors mill-kjum tal-interpellanza tieghu ghat-twettieq tal-obbligu tieghu. Il-gurisprudenza nostrana dejjem irriteniet illi debitur ghalhekk ma jistax jitqies moruz jekk ma jkunx qieghed f'qaghda biex alumenu jaghmel offerta lill-kreditur ghall-pagament minnu dovut;

"Illi l-principju *in liquidandis non fit mora* isoffri deroga meta d-debitu pretiz ikun cert, u d-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont pretiz, u kif ukoll fejn id-dewmien ghall-hlas ikun imputabbli ghad-debitur. Hekk fil-fatt irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Mario**

**Galea et v. Emanuel Fenech**, deciza fis-16.01.2003, meta qieset li, *"Huwa minnu li, bhala principju,* in illiquidis non contrahitur mora, *izda il-Qorti accettat dik id-dottrina li tghid li dan il-principju jghodd sakemm id-dewmien ma jkunx jahti ghalih id-debitur interpellat".* Il-Qorti tal-Appell, fid-decizjoni **Victor Savona pro et noe v. Dr. Peter Asphar et** moghtija fit-23.06.1952, ikkunsidrat id-dilazzjoni tal-likwidazzjoni tad-danni minhabba agir tad-debitur bhala raguni ghal derogazzjoni mill-principju illi *in illiquidis mora, non contrahitur nisi culpa debitoris liquidato differatur.* Fl-istess vena, il-Qorti tal-Appell irribadiet li, *"Hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont il-massima in illiquidis mora non contrabitur mhux applikabbli"* [**Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe**, deciza fil-05.10.2001];

"Illi b'zieda mas-suespost, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha **Francis Xavier Aquilina v. Andrew Mamo noe**, moghtija fid-19.11.2001, *"... semmiet il-possibilita` li dan il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita` ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.* ***Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas tal-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat"*** [enfazi mizjud mill-esponenti];

"Illi r-responsabbilta` tal-konvenuti appellanti giet definittivament deciza permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fl-(1) ta' Frar 2008. Dan peress illi l-konvenuti appellanti ghazlu li jintavolaw appell minn sentenza parzjali moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel grad dwar ir-responsabbilta` taghhom ghall-hlas ta' danni versu l-awtrici tal-esponenti;

"Illi fir-riljev tas-suespost, l-esponenti jressqu is-segwenti kunsiderazzjonijiet ghall-attenzjoni superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti –

"(i) fl-ewwel lok, l-obbligu ghall-hlas tal-konvenuti appellanti versu l-esponenti, jew l-awtrici taghhom, gie accertat permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel (1) ta' Frar 2008, li kkonfermat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza fl-ewwel (1) ta' Marzu 2005;

"(ii) fit-tieni lok, il-likwidazzjoni tal-ammont dovut mill-konvenuti appellanti soffra dewmien minhabba illi kienet inghatat sentenza in parte dwar ir-responsabbilta` ghas-sinistru mertu tal-kawza, u minhabba wkoll li l-konvenuti kienu talbu li jappellaw minn dik is-sentenza parzjali minflok ihallu l-kawza tissokta ghal-likwidazzjoni tad-danni subiti;

"(iii) fit-tielet lok, wara l-accertament tar-responsabbilta` tal-konvenuti appellanti, huma xorta wahda baqghu jopponu ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti, billi oggezzjonaw ghall-pretensjoni tal-atturi li ssir likwidazzjoni ghal *lucrum cessans*. Oggezzjoni din li giet imwarrba mill-ewwel Onorabbli Qorti, u li ma sar l-ebda appell dwarha;

"(iv) fir-raba' lok, l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, meta giet biex tillikwida d-danni dovuti mill-konvenuti permezz tas-sentenza appellata, qaghdet fuq il-kriterji provduti mill-awtrici tal-esponenti permezz tal-prospett minnha intavolat *in limine litis*, eccetto naturalment ghall-kriterju tal-*multiplier*, li kellu jigi varjat minhabba l-mewt ta' Tanya Vassallo fil-mori tal-kawza, u dan peress illi tali kriterji ma kienux gew ikkontestati mill-konvenuti appellanti;

"Illi l-**Laurent** jghallem li, *"Come dice benissimo la corte di cassazione, il codice non richiede che il credito sia liquido per divenire, sulla damonda del creditore, produttivo d'interessi in caso di ritardo da parte del debitore, ma basta che sia certo relativamente alla sua esistenza; da*

*cui tempo il debitore ne puo` fare l'offerta: ed evitare la condanna degl'interessi. Avviene lo stesso del credito che ha l'assicurato contro una compania di assicurazione; se l'esistenza stessa del credito non e' contrastata, il tribunale puo` condannare la compania agl'interessi della indennita`, quantunque la cifra non fosse definittivamente liquidata, dovendosi l'idennita` valutare dai periti"* [Principii, Vol. XVI, para.323]. Fuq vena simili, il-**Borsari** jirribadixxi, fuq l-iskorta tal-Larombiere, li *"Si e' detto, in massima, che la illiquidita' del debito non assolve il debitore dal ritardo e dalle sue conseguenze, potendo egli offrire la parte che stima dovuta. Portando questa proposizione come ossoluta, o pressoche` assoluta, e` lungi dal vero"* [Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. III, Pte.II, para. 3160.II.b];

"Illi l-atti processwali juru li l-konvenuti appellanti dejjem kienu reluttanti ferm li jadempixxu l-obbligi taghhom, u dan billi huma uzaw kull mezz possibbli sabiex jippostponu il-likwidazzjoni tad-danni. Din ir-riluttanza min-naha taghhom halliet il-frott taghha, u dan billi l-posizzjoni tal-konvenuti giet vantaggjata ferm peress illi, bis-sahha tal-kontestazzjoni kontinwa taghhom, il-kawza xi ftit jew wisq twalet, u l-attrici lahqet mietet fil-mori tal-kawza, bil-konsegwenzi kollha li tali fatt ghandu fir-rigward tal-parametri tat-talbiet taghha ghar-rizarciment tad-danni;

"Illi fil-fatt, il-konvenuti baqghu ma resqux ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' dak dovut minnhom, lanqas wara li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza dwar ir-responsabbilita`, minkejja li l-ammont pretiz, li ormai kien accertat, kien ormai facilment determinabbli bit-thaddim tar-regoli imhaddna mill-Qrati taghna ghal-likwidazzjoni tad-danni;

"Illi ghalhekk, il-konvenuti qablilhom illi jikkontestaw il-kawza, u l-konsegwenzi tal-ghemil delittwali taghhom, milli jassumu ir-responsabbilitajiet taghhom *in limine litis*. Hawnhekk l-esponenti umilment jaraw li hemm lok ghall-applikazzjoni tal-principju *malitiis non est indulgendum,* liema principju iwassal ghall-varjazzjoni tar-regola inkorporata fil-massima *in liquidandis non fit mora*, u dan

billi hadd ma ghandu jithalla jiehu vantagg mit-turpitudni tieghu stess [vide **Jazz Leisure Company Limited v. Ian Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)fid-29.05.2009; vide wkoll **Kollezz.XXXI.I.84**, u **Giuseppe Vella v. Paolina Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20.06.1923, fejn gie stabbilit li, *"... a nessuno e' dato di fare della propria turpitudine il fondamento di una pretesa giudiziaria"*];

"Illi fl-ahhar nett, l-esponenti jixtiequ itemmu it-twegiba taghhom ghall-appell tal-konvenuti billi jiccitaw bran mil-**Laurent**, permezz ta' liema bran fawn l-awtur ikkumenta dwar vertenza gudizzjarja li kkulminat f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni [Rigetto, 1 febbraio 1864 (DALLOZ 1864,1,135)]. Dan il-bran jaqra hekk: *"Anche le compagnie di assicurazione speculano alle volte sulle vessazioni e sui cavili per stancare gli assicurati e cosi estorquer loro trasazioni loro pregiudizievoli. Spetta ai tribunali il reprimere queste odiose speculazioni. Ne hanno il diritto? Una sentenza condanna una copagnia a 3000 franchi di danni-interessi motivando questa decisione sul pregiudizio* reale *che il* ritardo *della compagnia e le sue contestazioni avevano cagionato al creditore. Questo pregiudizio dice la sentenza comprende non solo la privazione dell'interesse della somma che era dovuta al proprietario, ma ancora la perdita dal medesimo fatta nella sua industria o nel suo commercio ed il lucro del quale e` stato privato. Il tribunale obliava che l'articolo 1153 non permette ricercare il pregiudizio* reale *che il* ritardo *cagiona al creditore. Non gia` che nel fondo la decisione non fosse giusta, ma era cattivamente ragionata; il tribunale avrebbe dovuto fondarsi sull'articolo 1382; perche` nel tempo stesso vi era ritardo e delitto civile: si poteva adunque condannare il debitore ai danni ed interessi a causa del ritardo e per causa del delitto. La corte di cassazione confermo' la secisione della corte di Toulouse correggendo il raionamento, o se si vuole, spiegandolo. Essa comincia dallo stabilire il principio che l'articolo 1153 non e' applicabile al caso in cui un'altra causa diversa dal semplice ritardo da' luogo al pregiudizio sofferto dal creditore. Ora la decisione constatava che i danni-interessi non erano accordati solamente a causa*

*del ritardo della compagnia, ma anche a causa dei fatti che erano personali alla detta compagnia e che le potevano essere giustamente rimproverati, segnatamente le difficolta` o le contestazioni suscitate da essa ed il di cui carattere, giudicato vituperevole dalla decisione impugnata, era il motivo della condanna speciale dei danni interessi" [Principii, Vol.XVI, Para.311].*

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, kif ukoll ghal kull raguni ohra li tista' tigi moghtija waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, ir-rikors tal-appell tal-konvenuti appellati ghandu jigi michud, u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha.

"Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellati."

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell billi irriferew ghall-atti;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. F'dan l-appell, il-kwistjoni hija wahda billi l-aggravju tal-appellanti huwa wiehed u cioe` li l-Qorti qatt ma kellha tikkundanna ghal hlas tal-imghax billi l-attrici talbet somma *da liquidarsi*.

Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju '*in illiquidis non fit mora'*. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim'Awla – 20 ta' Gunju 2002**) li *"meta talba ghall hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn*

*dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont."*

Din il-Qorti rriproduciet ir-rikors tal-appell u r-risposta kollha kemm huma appuntu biex tindika illi din it-teorija fl-applikazzjoni rigida taghha kienet kultant qed tikkawza ingustizzja mal-kreditur, specjalment f'kawza bhal din fejn l-attrici zgur ma setghetx taghmel talba ghal somma specifika, tenut kont anke tal-modi differenti kif jigu komputati d-danni mill-Qrati taghna. Infatti jista' jigri, u spiss gara, illi d-debitur pjenament konoxxenti ta' dan kien jadopera kull mezz possibbli biex itawwal il-proceduri u b'dan il-mod jippriva lill-kreditur mir-rimborz gust tieghu ghaliex huwa evidenti illi bit-trapass taz-zmien il-valur tal-flus dejjem jonqos u wkoll jippriva lill-kreditur mill-uzu ta' flus li huwa ghandu dritt ghalihom.

Infatti fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner v. Francis Agius (28 ta' Novembru 2003)** – citata anke mill-appellenti fir-rikors taghhom, huwa minnu li inghad illi:

*"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f' dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita'."*

F'dak il-kaz ghalhekk il-Qorti tal-Appell ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghal konvenut.

Fil-kawza odjerna jirrizulta mill-atti li l-konvenuti kellhom l-ewwel idea *piu o meno* tal-ammonti dovuti lill-attrici mid-data finali tas-sentenza li stabbiliet li huma kellhom tmenin fil-mija tort tal-incident. Il-konvenuti appellanti naqsu, anke wara li giet deciza l-kawza mill-Qorti tal-Appell, illi jaghmlu depositu gudizzjarji almenu f'dak l-istadju. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-isimijiet **Pacifiko Bezzina v.**

**Victor Buttigieg** (deciza fil-5 a' April 2013) *"Fir-rikors tal-appell huwa (l-appellant) ilmenta li mhux gust li jigi ippremjat l-attur appellat ghad-dewmien fil-kawza (li skond hu ma kienx imputabbli lill-partijiet) billi dan jithallas l-imghaxijiet fuq medda ta' ghoxrin sena. Il-Qorti pero` tfakkru illi bit-trapass ta' dan il-perjodu twil huwa se jkun gawda mill-beneficcju (f'dan il-kaz) tal-inflazzjoni*!*"*

F'dan il-kaz il-Qorti filwaqt li taqbel li l-principju *in illiquidis non fit mora* ghandu jibqa' japplika in linea ta' principju, ma ghandhiex tippermetti lid-debituri jgawdu b'dan il-mod mill-fatt li anke tramite l-appell interpost minnhom is-sentenza finali se tinghata aktar minn tmien snin wara li nghatat l-ewwel sentenza illi zammithom responsabbli ghal tmenin fil-mija (80%) ghall-incident inkwistjoni u allura ghad-danni subiti mill-attrici, sfortunatament issa deceduta. Ghalhekk se tordna li l-imghax jibda jiddekorri minn dik id-data u cioe` mill-1 ta' Marzu 2005.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-konvenuti billi tilqghu biss billi minflok li l-imghaxijiet fuq is-somma ta' elfejn, tliet mija u hmistax-il Euro u disghin centezmi (€2,315.90) jibdew ghaddejjin kif dispost fis-sentenza appellata, dawn jibdew jiddekorru mill-1 ta' Marzu 2005 u mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza appellata, kompriz li l-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuti; l-ispejjez ta' dan l-appell pero` jithallsu kwint ($^{1}/_{5}$) mill-attur u erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------